

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Lulju 2018 – ClientEarth vs Il-Kummissjoni(Kawża T-644/16) ⁽¹⁾

(“Access għal dokumenti — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Dokumenti tal-Kummissjoni li jikkonċernaw il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni tal-mekkaniżmu ta' riżoluzzjoni ta' tilwim bejn investituri u Stati u tas-sistema ġudizzjarja tal-investimenti li jinsabu fil-ftehimiet kummerċjali tal-Unjoni — Rifjut parzjali ta' aċċess — Eċċezzjoni marbuta mal-protezzjoni tal-interess pubbliku f'dak li jikkonċerna r-relazzjonijiet internazzjonali — Eċċezzjoni marbuta mal-protezzjoni tal-pariri legali — Eċċezzjoni marbuta mal-protezzjoni tal-proċess deċiżjonali — Interess pubbliku superjuri”)

(2018/C 301/34)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: ClientEarth (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: O. Brouwer, avukat, u N. Frey, solicitor)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Clotuche-Duvieusart u J. Baquero Cruz, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016) 4286 finali, tal-1 ta' Lulju 2016, li tirrifjuta l-aċċess għal ċerti dokumenti li jirrigwardaw il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni Ewropea tal-mekkaniżmu ta' riżoluzzjoni ta' tilwim bejn investituri u Stati u tas-sistema ġudizzjarja tal-investimenti li jinsabu fil-ftehimiet kummerċjali tal-Unjoni.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) ClientEarth għandha tbat i-ispejjeż tagħha stess kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU C 402, 31.10.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali 11 ta' Lulju 2018 – Enoitalia vs EUIPO – La Rural Viñedos y Bodegas (ANTONIO RUBINI)(Kawża T-707/16) ⁽¹⁾

[“Trade mark tal – Unjoni Ewropea — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark verbali tal – Unjoni Ewropea ANTONIO RUBINI — Trade mark tal – Unjoni Ewropea figurattiva preċedenti RUTINI — Raġuni relattiva għal rifjut — Raġuni relattiva għal rifjut — Xebh bejn is – sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar – Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar l – Artikolu 8(1)(b) tar – Regolament (UE) 2017/1001]”]

(2018/C 301/35)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Enoitalia SpA (Calmasino di Bardolino, l-Italja) (rappreżentant: S. Rizzo, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: E. Zaera Cuadrado, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: La Rural Viñedos y Bodegas SA Ltda (Capital Federal, l-Arġentina)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-28 ta' Ġunju 2016 (Każ R 1085/2015-5), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn La Rural Viñedos y Bodegas u Enoitalia.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Enoitalia SpA hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 419, 14.11.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Lulju 2018 – Europa Terra Nostra vs Il-Parlament

(Kawża T-13/17) ⁽¹⁾

(“Dritt istituzzjonali — Parlament Ewropew — Deċiżjoni li tagħti sussidju lil fondazzjoni politika — Prefinanzjament iffissat għal 33 % tal-ammont massimu tas-sussidju mogħti — Obbligu li tipprovdi garanzija bankarja ta' prefinanzjament — Regolament Finanzjarju — Regoli li jimplementaw ir-Regolament Finanzjarju — Regolament (KE) Nru 2004/2003 dwar ir-regolamenti li jirregolaw il-partiti politiċi f'livell Ewropew — Proporzjonalità — Użu ħażin ta' poter”)

(2018/C 301/36)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Europa Terra Nostra eV (Berlin, il-Ġermanja) (rappreżentant: P. Richter, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: N. Görlitz, C. Burgos u S. Alves, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew FINS-2017-30 tat-12 ta' Diċembru 2016 dwar l-għoti ta' sussidju lir-rikorrenti, sa fejn din id-deċiżjoni tillimita l-prefinanzjament għal 33 % tal-ammont massimu tas-sussidju u tissuġġetta dan il-ħlas għall-provvista ta' garanzija bankarja.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Europa Terra Nostra eV hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 63, 27.2.2017.